PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

LIBE(2007)0410_1

MINUTI
Laqgħa tal-10 ta' April 2007, minn 10:30 sa 12:30
u minn 15:00 sa 18:30 (Seminar dwar Europol),
u 11 April 2007, minn 9:00 sa 12:30 u minn 15:00 sa 18:30
BRUSSELL

Il-laqgħa nfetħet fl-10:30 nhar it-Tlieta 10 ta' April 2007, b'Jean-Marie Cavada (Chairman) li ppresieda.

1. Laqgħa tal-koordinaturi

Il-laqgħa tal-Koordinaturi seħħet minn 10:30 sa 11:30 SEDUTA MAGĦLUQA.

* * *

Il-laqgħa tal-kumitat LIBE infetħet fil-11:40, b'Jean-Marie Cavada (Chairman) li ppresieda.

2. Adozzjoni tal-abbozz ta' aġenda

Iċ-Chairman iddikjara li punt 17 bis (rapport ta' Agustín Díaz de Mera dwar Europol) kien miżjud mal-aġenda.L-aġenda kienet adottata mingħajr ebda kumment ieħor.

3. Avviżi taċ-chairperson

Ebda avviż ma kien magħmul.

4. Segwitu tas-Seminar tas-26 ta' Marzu 2007 dwar id-djalogu Transatlantiku (PNR, SWIFT, Safe Harbour) u l-preparazzjoni tad-delega għall-Kungress Amerikan, Stati Uniti

Ipparteċipaw fid-dibattitu: Sophia in 't Veld, Michael Cashman, Sarah Ludford, Stavros Lambrinidis, Alexander Alvaro, Kathalijne Maria Buitenweg, Martine Roure u Sophia in 't Veld.

5. Seminar dwar il-futur tal-Europol

Il-laqgħa nfetħet fid-9:20, bi Stavros Lambrinidis (Viċi-Chairman) li ppresieda.

6. Avviż ta' deċiżjonijiet meħuda fil-laqgħa tal-Koordinaturi

Ebda avviż ma kien magħmul.

7. Deċiżjoni ta' qafas dwar il-protezzjoni tad-dejta (it-tielet pilastru)
Rapporteur: Martine Roure (PSE)

Ipparteċipaw fid-dibattiti: Is-Sur Krause (Presidenza Ġermaniża), Martine Roure, Sarah Ludford, Peter Hustinx (EDPS), Kathalijne Maria Buitenweg, is-Sur Krause (Presidenza Ġermaniża), Alexander Alvaro, Martine Roure, Sarah Ludford, Kathalijne Maria Buitenweg u għal darb'oħra s-Sur Krause (Presidenza Ġermaniża).

Dibattitu konġunt tal-punti 8 u 9

8. Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)
LIBE/6/25780
***I 2004/0287(COD) COM(2004)0835 - C6-0004/2005

Rapporteur: Il-Barunessa Sarah Ludford (ALDE)

- Preżentazzjoni tal-qagħda

9. Aċċċess għal konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)
LIBE/6/32176
* 2005/0232(CNS) COM(2005)0600 - C6-0053/2006

Rapporteur: Il-Barunessa Sarah Ludford (ALDE)

- Preżentazzjoni tal-qagħda

Ipparteċipaw fid-dibattiti: Sarah Ludford, Ewa Klamt, Michael Cashman, Sylvia-Yvonne Kaufmann u s-Sur Krause (Presidenza Ġermaniża).

Fil-bidu, ir-rapporteur ippreżenta l-qagħda rigward ir-Regolament VIS u d-Deċiżjoni VIS wara serje ta' laqgħat tekniċi u politiċi li seħħu matul ix-xahar ta' Marzu. Trialogu mal-Ministru Dr. Wolfgang Schäuble kien seħħ fit-28 ta' Marzu. Ewa Klamt, Michael Cashman u Sylvia-Yvonne Kaufmann tkellmu bħala rapporteurs alternattivi segwiti mir-rappreżentanti tal-Presidenza u tal-Kummissjoni. Kien deċiż li jkun pospost il-vot fil-Kumitat LIBE għal-laqgħa tas-7/8 ta' Mejju.

L-iskadenza għat-tressiq ta' emendi għas-*Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża* kienet l-*20.02.2006* f'nofsinhar u għall-*Aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża* kienet is-7.04.2006 f'nofsinhar.

10. Istruzzjonijiet konsulati komuni: identifikaturi bijometriċi u applikazzjonijiet tal-viża
LIBE/6/37382
***I 2006/0088(COD) COM(2006)0269 - C6-0166/2006

Rapporteur: Il-Barunessa Sarah Ludford (ALDE)

- Preżentazzjoni ta' dokumenti ta' ħidma

Ipparteċipaw fid-dibattitu: Sarah Ludford, Is-Sur Krause (Presidenza Ġermaniża) u Sarah Ludford.

Minħabba n-nuqqas ta' ħin, ir-rapporteur setgħet biss tippreżenta fil-qosor id-dokumenti ta' ħidma. Hija stiednet lill-membri interessati kollha biex jagħtuha komunikazzjoni dwar id-domandi mqajma fid-dokumenti ta' ħidma. Il-President, Viċi-President Stavros Lambrinidis, ugwalment ħeġġeġ lill-membri biex jikkunsidraw id-dokumenti b'attenzjoni kbrira peress li dan huwa dossier ieħor importanti ta' ko-deċiżjoni. Huwa avviża li skambju ieħor ta' perspettivi b'iktar ħin disponibbli jkun skedat dalwaqt.

11. It-Trattat ta' Prüm: It-titjib tal-kooperazzjoni transkonfini, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfini
LIBE/6/46815
* 2007/0804(CNS) 06566/2007 - C6-0079/2007

Rapporteur: Fausto Correia (PSE)

- Kunsiderazzjoni ta' dokument ta' ħidma fil-preżenza ta' Peter Hustinx (EDPS)

Ipparteċipaw fid-dibattitu: Fausto Correia, Peter Hustinx (EDPS), Is-Sur Krause (Presidenza Ġermaniża), Jacques Verraes (Kummissjoni Ewropea), Claudio Fava, Alexander Alvaro u Fausto Correia.

Ir-rapporteur, Fausto Correia, ippreżenta d-dokument ta' ħidma tiegħu dwar it-Trattat ta' *Prüm*.

Peress li hija prijorità tal-Presidenza Ġermaniża, il-PE huwa taħt pressjoni kbira tal-ħin sabiex jipproċedi fuq dan il-fajl. Fl-ittra ta' intimazzjoni huwa ddikjarat li l-Parlament Ewropew għandu jippreżenta l-opinjoni tiegħu sas-7 ta' Ġunju 2007.

It-Trattat ta' *Prüm* jittratta kooperazzjoni tal-pulizija transkonfini aħjar, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, l-kriminalità transkonfini u migrazzjoni illegali.

Minħabba l-kontenut tiegħu, li huwa essenzjali għall-Istati Membri kollha, il-Presidenza Ġermaniża kien ta' l-idea li huwa xieraq li jippreżenta din id-Deċiżjoni li tinkorpora it-Trattat konkluż fis-27 ta' Mejju. Billi jagħmel dan, huwa jsir parti mill-*acquis* tal-UE.

Fid-dibattitu, il-Membri proviżjonalment aċċettaw il-kalendarju propost minn Fausto Correia taħt il-kondizzjoni li tkun mibgħuta ittra lill-Presidenza Ġermaniża sabiex tesprimi t-tħassib tal-PE dwar il-kalendarju strett ħafna u biex issaqsi jekk ikunx possibbli li jkun hemm iktar ħin biex tkun ippreparata l-opinjoni tal-PE.

Is-Sur Hustinx ippreżenta l-opinjoni tal-EDPS dwar PRÜM, is-Sur Krause ipparteċipa f'isem il-Presidenza Ġermaniża u s-Sur Verraes irrappreżenta l-Kummissjoni. Wara kien hemm dibattitu ħaj (Fausto Correia, Philip Bradbourn, Claudio Fava, Alexander Alvaro). Id-dibattitu ffoka fuq il-bżonn għal standards xierqa ta' protezzjoni ta' dejta, ir-rabta mal-prinċipju ta' disponibbiltà, id-dejtabejż tad-DNA, liema persuni ikunu koperti wkoll ħafna membri esprimew tħassib dwar il-veloċità tal-proċedimenti u n-nuqqas ta' evalwazzjoni tal-impatt.

12. L-iżvilupp ta' kunċett strateġiku dwar it-trattament tal-kriminalità organizzata
LIBE/6/35802
2006/2094(INI) B6-0073/2006

Rapporteur: Bill Newton Dunn (ALDE)

- Adozzjoni ta' abbozz ta' rapport
- Skadenza għat-tressiq ta' emendi: 08.03.2007 - 12:00

Il-Kumitat LIBE adotta r-rapport ta' Bill Newton Dunn b'46 vot favur, vot wieħed kontra u ebda astenzjoni.

Kienu emendi adottati kompletament: 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 11, 13, 15, 16, 17, 18, 20, 21, 23, 24, 26, 27, 30, 34, 35.
Kienu emendi adottati parzjalment: 1, 3, 14, 28.
Kienu emendi miċħuda: 12, 19, 22, 25, 29, 31, 32, 33.

13. Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri
LIBE/6/39464
***I 2006/0140(COD) COM(2006)0401 - C6-0253/2006

Rapporteur: Gérard Deprez (ALDE)

- Adozzjoni ta' abbozz ta' rapport
- Skadenza għal tressiq ta' emendi: 05.02.2007 - 09:00

It-test ta' kompromess kien adottat bi 43 vot favur, 4 voti kontra u ebda astenzjoni. L-emendi kollha waqgħu. Il-vot fil-plenarju għandu jseħħ matul is-sessjoni ta' April.

14. Pagi bażiċi u konċessjonijiet applikabbli għall-persunal tal-Europol
LIBE/6/44761
* 2007/0801(CNS) 16333/2006 - C6-0047/2007

Rapporteur: Jean-Marie Cavada (ALDE)

- Adozzjoni ta' abbozz ta' rapport
- Skadenza għal tressiq ta' emendi: 22.03.2007 - 12:00

L-iskadenza għat-tressiq ta' emendi kien it-22 ta' Marzu 2007. Ma kienu irċevuti ebda emendi fuq dan id-dossier. Il-vot seħħ u r-riżultat kien unanimu (47 voti favur).

15. Dwar il-progress fin-negozjazzjonijiet li jikkonċernaw id-deċiżjoni ta' qafas li tiġġieled kontra r-razziżmu u l-ksenofobija
LIBE/6/46495
2007/2067(INI)

Rapporteur: Martine Roure (PSE)

- Adozzjoni ta' abbozz ta' rapport

Il-Kumitat LIBE adotta r-rapport ta' Martine Roure b'47 vot favur u vot wieħed kontra.

Kienu emendati adottati kompletament: 2, 3, 4, 6,7, 8, 9, 11, 14, 17, 22 + emenda ta' kompromess 1 (li tibdel AM 13 +15) u emenda ta' kompromess 2 (li tibdel AM 18 + 19+ 23).

Kienet emenda adottata parzjalment: 10.
Kienu emendi miċħuda: 1, 5, 12, 16, 20, 21, 24.

16. Viżas, permessi ta' residenza: format uniformi, ritratt, identifikazzjoni bijometrika (li jemendaw ir-Regolamenti 1030/2002 u 1683/95/KE)
LIBE/6/40135
* 2003/0218(CNS) COM(2006)0110 - C6-0157/2006

Rapporteur: Carlos Coelho (EPP-ED)

- Preżentazzjoni tal-qagħda mill-Presidenza Ġermaniża fil-preżenza tal-Kummissjoni Ewropea
- Skadenza għat-tressiq ta' emendi: 11.05.2007 - 12:00

Ipparteċipaw fid-dibattitu: Friedrich Löper (Presidenza tal-Kunsill), Silvia Kolligs (Kummissjoni Ewropea) u Carlos Coelho.

Ir-rappreżentant tal-Presidenza tal-Kunsill, is-Sur Friedrich Löper u r-rappreżentanta tal-Kummissjoni, is-Sinjura Silvia Kolligs ippreżentat il-qagħda fil-Kunsill ta' dan id-dossier li jikkonċerna l-integrazzjoni ta' karatteristiċi biometriċi (ir-ritratt tal-wiċċ u dejta li tikkonċerna żewġ marki tas-swaba') f'permess ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiżi terzi. Preżentament, dispożizzjoni li timmodifika l-proposta kurrenti kienet magħmula biex teżenta tfal taħt is-6 snin ta' età u nies li għalihom huwa fiżikament impossibbli li jkunu rekordjati marki tas-swaba' mir-rekwiżit ta' ħażna ta' dejta bijometrika. Kienet magħmula referenza għall-possibbiltà li l-Istati Membri jkollhom iċ-ċippa użata wkoll għal kummerċ elettroniku jew kuntatt elettroniku mal-gvernijiet. Fir-rigward ta' dan il-punt tekniku, l-Istati Membri għandhom jitħallew liberi biex jiddeċiedu jekk ċippa fuq il-permess ta' residenza għall-ħażna ta' dejta bijometrika u ċippa separata addizzjonali għal skopijiet nazzjonali tkunx provduta jew jekk iridux ikollhom ċippa waħda inkorporata għall-iskopijiet kollha. Fil-każ ta' l-aħħar id-dejta għal skopijiet nazzjonali għandha tkun maħżuna separatament. Dejta fuq il-permess ta' residenza tkun użata biss sabiex tivverifika l-awtentiċità tad-dokument u l-identità tad-detentur li jġorr l-identità.

Ir-rapporteur tad-dossier Carlo Coelho fakkar lill-udjenza dwar l-isfond tal-proposta involuta u dwar il-problemi tekniċi, fi kliem ieħor interferenza bejn iċ-ċippi, li taffaċċja l-Kummissjoni sa mill-2003. Huwa enfasizza li l-permess tar-residenza involut huwa mezz ta' identifikazzjoni pjuttost milli dokument għall-ivvjaġġjar u għalhekk jippreferi jirreferi għal

standards tal-Istati Membri tal-UE milli l-istandards tal-ICAO (bħal fil-proposta tal-Kummissjoni) peress li dawn ta' l-aħħar huma suġġetti wkoll għal emendi kostanti. Fir-rigward tad-dejta bijometrika, ir-rapporteur qal li għandhom ikunu użati bħala strument bżonnjuż sabiex itejjeb is-sigurtà tal-karti tal-identità u l-użu tagħhom għandu jkun regolat mill-prinċipju tal-proporzjonalità u tal-protezzjoni tad-dejta. Fl-aħħarnett, ir-rapporteur enfasizza li hemm xi nuqqasijiet f'din il-proposta li jirrigwardaw il-mod ta' kif id-dejta hija miġbura fil-każ ta' tfal u fil-każ ta' nies li għal raġunijiet fiżiċi ma jistgħux jipprovdu marki tas-swaba'. Huwa laqa' wkoll l-eżenzjonijiet li għadu kif semma r-rappreżentant tal-Kunsill iżda enfasizza li din hija proposta ġdida li għadha kif ġiet imressqa mill-Presidenza u mhix il-verżjoni mibgħuta lill-Parlament Ewropew. Għalhekk, ir-rapport tar-rapporteur ma jistax jirreferi għalih. Fir-rigward ta' għażliet trasmessi mill-"kumitat tal-artikolu 6", huwa fakkar li soluzzjonijiet tekniċi xierqa għandhom ikunu kkunsidrati mill-Kummissjoni. Kwalunkwe miżura fil-qasam ta' bijometriċi li tista' ma sservix l-interess ta' protezzjoni ta' dejta jew li jista' ma jkollhiex proporzjon tajjeb bejn il-benefiċċju u l-ispiża tipperikola l-aċċettazzjoni tal-użu ta' dejta bijometrika u għal dik ir-raġuni għandha tkun evitata.

Iċ-chairman fakkar li abbozz ta' rapport għandu jkun preżentat mir-rapporteur Carlos Coelho fil-laqgħa tagħna li jmiss tal-kumitat LIBE fis-7-8 ta' Mejju u l-iskadenza għat-tressiq ta' emendi hija stabbilita għall-11 ta' Mejju 2007 f'12:00.

17. Protezzjoni diplomatika u konsulari taċ-ċittadini tal-Unjoni f'pajjiżi terzi
LIBE/6/46995
2007/2196(INI)

Rapporteur: Ioannis Varvitsiotis (EPP-ED)

- Preżentazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea

Ipparteċipaw fid-dibattiti: Is-Sinjura Herrera de la Casa (Kummissjoni Ewropea, DG JLS), Is-Sur Ianniello Salicetti (Kummissjoni Ewropea, DG JLS), Simon Busuttil, Ioannis Varvitsiotis u Sylvia-Yvonne Kaufmann.

Il-kumitat LIBE eżamina għall-ewwel darba l-ħruġ ta' "*protezzjoni diplomatika u konsulari taċ-ċittadini tal-UE f'pajjiżi terzi*". Bħala argument ta' introduzzjoni, ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, is-Sinjura Herrera de la Casa, mgħoddija permezz tas-Sur Ianniello Salicetti, ippreżentaw il-"Green Book" fuq is-suġġett, li kien maħruġ fit-28/11/2006.

Il-membri tal-LIBE li tkellmu (Ioannis Varvitsiotis, Sylvia-Yvonne Kaufmann u Simon Busuttil) taw akkoljenza tajba lil din il-preżentazzjoni u l-kontenut tagħha.

Iżda nistgħu nenfasizzaw madankollu ftit kummenti dwar il-wasla insuffiċjenti u tard ta' dawn il-miżuri ta' informazzjoni fost iċ-ċittadini Ewropej (Ioannis Varvitsiotis), jew it-talba għal koordinazzjoni aħjar bejn il-kampanji differenti maħruġa mill-Kummissjoni DG li probabbli jkunu iktar effiċjenti jekk jingħaqdu (Simon Busuttil).

17 a. L-Istabbiliment tal-Uffiċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)
LIBE/6/44756
* 2006/0310(CNS) COM(2006)0817 – C6-0055/2007
Rapporteur: Agustín Díaz de Mera García Consuegra (EPP-ED)

- Kunsiderazzjoni ta' abbozz ta' rapport
- Skadenza fissa għat-tressiq tal-emendi

Ipparteċipaw fid-dibattitu: Agustín Díaz de Mera García Consuegra u Panayiotis Demetriou.

Iċ-Chairman ta l-kelma lir-rapporteur Augustín Díaz de Mera sabiex jgħaqqad il-konklużjonijiet tal-udjenza pubblika li seħħet fl-10 ta' April 2007 u biex jippreżenta r-rapport tiegħu.

Agustín Díaz de Mera għaqqad il-punti ewlenin tal-udejnza pubblika u enfasizza l-isfidi ewlenin f'dan id-dossier: il-qafas legali l-ġdid, l-importanza ta' protezzjoni ta' dejta personali indipendenti, il-kontroll parlamentari u s-sorveljanza b'mod partikolari jekk domanda ta' kontroll hix imwettqa mill-Parlament Ewropew jew minn parlamenti nazzjonali. Kien hemm referenza wkoll għar-rinforzar ta' ftit mill-kapaċità operazzjonali tal-Europol, il-baġit tal-KE u l-istatut il-ġdid tal-persunal. Fl-aħħarnett, kumpanniji privati issa jidhru fil-kuntest ta' appoġġ legali fit-trasmissjoni ta' dejta lil organizzazzjonijiet tal-pulizija. Ir-rapporteur fakkar lill-udjenza bil-kalendarju tiegħu, fi kliem ieħor l-iskadenza għal tressiq ta' emendi għar-rapport tiegħu hija stabbilita għad-19 ta' April 2007 f'12:00.

Il-President isir il-Viċi President Kinga Gál.

18. Skambji bejn l-Istati Membri ta' informazzjoni meħuda mir-rekord kriminali
LIBE/6/32886
* 2005/0267(CNS) COM(2005)0690 - C6-0052/2006

Rapporteur: Agustín Díaz de Mera García Consuegra (EPP-ED)

- Kunsiderazzjoni ta' abbozz ta' rapport
- Skadenza stabbilita għal tressiq ta' emendi: 16.04.2007 - 12:00

Ipparteċipaw fid-dibattitu: Agustín Díaz de Mera García Consuegra, is-Sinjura Tomboy (Kummissjoni Ewropea), is-Sur Schnigula (Presidenza tal-Kunsill), Adina-Ioana Vălean u Agustín Díaz de Mera García Consuegra.

Ir-rapporteur Augustín Díaaz de Mera ppreżenta l-abbozz tar-rapport tiegħu. Wara, r-rappreżentanta tal-Kummissjoni, s-Sinjura Tomboy, laqgħat l-abbozz tar-rapport. Madankollu, hija fakkret li hemm xi emendi li l-Kummissjoni ma tappoġġjax - AMs 14, 15, 20 u 23. Ir-rappreżentant tal-Presidenza tal-Kunsill, is-Sur Schnigula, ippreżenta l-qagħda fil-Kunsill. Il-Kunsill qed jippjana li jkollu ftehim politiku f'Ġunju. Ġeneralment l-Istati Membri jaqblu li hemm bżonn li jkun hemm dan l-istrument, iżda xorta għad hemm ħafna opinjonijiet differenti dwar id-dettalji. Huwa enfasizza tliet kwistjonijiet ewlenin preżentament diskussi fil-Kunsill: 1) il-prinċipju tal-"pajjiż ta' oriġini" (ħafna mill-Istati Membri jappoġġjaw il-proposta tal-Kummissjoni); 2) derogi; 3) relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi (ħafna Stati Membri ffirmaw ftehim kostituzzjonali ma' pajjiżi terzi). Huwa semma l-"inizjattiva Belġjana" u qal li l-Kunsill kien għadu ma jafx jekk dak kienx neċessarju biex jorbot din l-inixjattiva mal-

proposta. Wara, tkellmet Adina-Ioana Vălean u talbet kjarifika dwar l-emendi 2 u 6, esprimiet appoġġ għall-emendi 11 u 22 u kienet kontra l-emenda 20.

19. Ittra minn Sophie In't Veld u Kathalijne Buitenweg dwar leġiżlazzjoni proposta fil-Polonja u l-kumpatibbiltà tagħha mad-direttiva 2000/78/KE għal trattament ugwali fis-suq tax-xogħol u d-dritt għal-libertà tal-kelma

Ipparteċipaw fid-dibattitu: Martine Roure, Konrad Szymański, Bogdan Klich, Kathalijne Maria Buitenweg, Sophia in 't Veld, Tadeusz Zwiefkan, Jörg Leichtfried, Giusto Catania, Tadeusz Zwiefka, Bogdan Pek, Martine Roure, Sophia in 't Veld, Kathalijne Maria Buitenweg, Masip Hidalgo u Konrad Szymański.

Id-dibattitu ffoka fuq il-ġustifikazzjoni li jkunu adottati ċerti passi sabiex jibbilanċjaw il-bidu ta' moviment omofobiku fil-Polonja, li huwa rifless fost affarijiet oħra permezz ta' abbozz ta' leġiżlazzjoni li l-eżistenza tiegħu hija kkuntestata minn xi Membri. Irriżultaw żewġ perspettivi differenti: minn naħa waħda, xi Membri jaħsbu li mhux neċessarju li jistennew l-adozzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni biex jagħmlu reazzjoni, peress li l-klima omofobika li teżisti fil-Polonja, riflessa f'dikjarazzjonijiet magħmula minn xi politikanti ta' livell għoli, tiġġustifika reazzjoni enerġetika bħal din. Min-naħa l-oħra, hemm il-perspettiva li peress li l-eżistenza ta' dan l-abbozz tal-leġiżlazzjoni lanqas hemm provi tagħha, kwalunkwe miżura meħuda kontra l-Polonja jkollha tkun ikkunsidrata bħala arbitrarja u bħala kolp kontra s-sovranità ta' stat demokratiku.

Ma seta' jinstab ebda kunsens dwar l-idea ta' kitba ta' domanda orali fil-kumitat. L-idea ta' talba għal studju madwar l-Unjoni dwar l-omofobija kienet miżmuma.

20. Strateġija dwar id-dimensjoni esterna tal-qasam ta' libertà, sigurtà u ġustizzja
LIBE/6/36415
2006/2111(INI) COM(2005)0491

Rapporteur: Bogdan Klich (EPP-ED)

- Kunsiderazzjoni ta' abbozz ta' rapport li jirrifletti l-ftehim milħuq bejn Bogdan Klich u Aloyzas Sakalas (rapporteur tal-opinjoni AFET* proċedura ta' kooperazzjoni miżjuda)
- Skadenza fissa għal tressiq ta' emendi: 24.04.2007 - 12:00

Ipparteċipaw fid-dibattitu: Bogdan Klich, Aloyzas Sakalas, Lambert Schmidt (Kummissjoni Ewropea), Sophia in 't Veld, Bogdan Klich.

Il-President fakkar li dan id-dossier kien ibbażat fuq proċedura ta' kooperazzjoni miżjuda bejn LIBE u AFET u li l-għan tad-diskussjoni kien li jikkunsidra verżjoni *ġdida* tal-abbozz tar-rapport ta' Bogdan Klich ippreżentat f'Marzu, li jirrifletti l-ftehim milħuq ma' Aloyzas Sakalas (rapporteur tal-opinjoni AFET).

Bogdan Klich semma l-kooperazzjoni siewja ma' Aloyzas Sakalas u informa lill-Membri li ħafna mis-suġġerimenti tal-abbozz tal-opinjoni kienu direttament jew indirettament introdotti fl-abbozz tar-rapport tal-LIBE. Bogdan Klich esprima wkoll it-tama tiegħu li r-rapport finali, bħall-abbozz tar-rapport, jippreżenta bilanċ bejn id-dimensjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-dimensjoni tas-sigurtà.

Aloyzas Sakalas semma li l-kompromess kien miksub b'kooperazzjoni mill-qrib ħanfa u pożittiva ma' Bogdan Klich. Huwa esprima t-tamiet tiegħu li l-kumitat tal-LIBE jadotta dan ir-rapport b'emendi minimi jekk xejn.

Is-Sur Lambert Schmidt (Kummissjoni Ewropea, DG JLS) ippreżenta kumment fil-qosor dwar il-paragrafu 12 tal-abbozz tar-rapport, li jitlob lill-Kummissjoni biex tirrapporta dwar il-progress tad-dimensjoni esterna tal-AFSJ fuq bażi *annwali*, minflok fuq il-bażi ta' 18-il xahar li hija applikata preżentament. Huwa ġibed l-attenzjoni tal-membri lejn il-fatt li f'xi snin (bħall-2008), il-Kummissjoni ikollha tabbozza żewġ rapporti fis-sena – wieħed għall-Parlament u wieħed għall-Kunsill.

Sophia in 't Veld esprimiet l-qbil ġenerali tagħha fuq l-abbozz tar-rapport. Hija tilqa' partikolarment il-paragrafi dwar il-promozzjoni tal-istandards demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem, il-libertà politika u istituzzjonijiet xierqa, l-inklużjoni għal organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u l-paragrafu dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata. Rigward dawn l-aħħar argumenti, hija fakkret li wasal iż-żmien li l-UE tiddetermina l-għanijiet tal-politika tagħha stess u tmexxi politika iktar koerenti.

Il-President jinforma lill-membri li l-iskadenza għat-tressiq ta' emendi se tkun 24.04.2007 f' 12:0.0 u li l-vot se jkun fil-5/6 ta' Ġunju.

21. Xi affarijiet oħra

Il-Presidnet ma kellux informazzjoni jew kummenti oħra

22. Data u post tal-laqgħa li jmiss – Il-President avża li l-laqgħat li jmisse se jkunu kif ġej:

- It-Tnejn, 23 ta' April fi Strasburgu (laqgħa straordinarja)

- It-Tnejn, 7 ta' Mejju 2007, minn 15:00 sa 18:30 (Brussell)
- It-Tlieta, 8 ta' Mejju 2007, minn 9:00 sa 12:30
- It-Tlieta, 8 ta' Mejju 2007, minn 15:00 sa 18:30

ПРИСЪСТВЕН ЛИСТ/LISTA DE ASISTENCIA/PREZENČNÍ LISTINA/DELTAGERLISTE/ ANWESENHEITSLISTE/KOHALOLIJATE NIMEKIRI/ΚΑΤΑΣΤΑΣΗ ΠΑΡΟΝΤΩΝ/RECORD OF ATTENDANCE/ LISTE DE PRÉSENCE/ELENCO DI PRESENZA/APMEKLĒJUMU REĢISTRS/DALYVIŲ SĄRAŠAS/JELENLÉTI ÍV/ REĠISTRU TA' ATTENDENZA/PRESENTIELIJST/LISTA OBECNOŚCI/LISTA DE PRESENÇAS/LISTĂ DE PREZENȚĂ/ PREZENČNÁ LISTINA/SEZNAM NAVZOČIH/LÄSNÄOLOLISTA/DELTAGARLISTA

Бюро/Mesa/Předsednictvo/Formandskabet/Vorstand/Juhatus/Προεδρείο/Bureau/Ufficio di presidenza/Prezidijs/Biuras/Elnökség/ Prezydium/Birou/Predsedníctvo/Predsedstvo/Puheenjohtajisto/Presidiet (*)
Jean-Marie Cavada (P) (1), Philip Bradbourn (VP) (1,2), Stavros Lambrinidis (VP) (1,2), Kinga Gál (VP) (2), Giusto Catania (VP) (1, 2)
Членове/Diputados/Poslanci/Medlemmer/Mitglieder/Parlamendiliikmed/Μέλη/Members/Députés/Deputati/Deputāti/Nariai/Képviselõk/ Membri/Leden/Posłowie/Deputados/Deputați/Jäsenet/Ledamöter
Alexander Alvaro (1,2), Roberta Angelilli (2), Alfredo Antoniozzi (1,2), Mihael Brejc (1, 2), Kathalijne Maria Buitenweg (1,2), Michael Cashman (1,2), Giuseppe Castiglione (2), Mladen Petrov Chervenyakov (1, 2), Carlos Coelho (2), Fausto Correia (1,2), Panayiotis Demetriou (1, 2), Agustín Díaz de Mera García Consuegra (1, 2), Konstantin Dimitrov (1), Bárbara Dührkop Dührkop (1, 2), Claudio Fava (1,2), Patrick Gaubert (1, 2), Roland Gewalt (1, 2), Elly de Groen-Kouwenhoven (1,2), Adeline Hazan (2), Lívia Járóka (2), Ewa Klamt (1,2), Roger Knapman (1), Magda Kósáné Kovács (1, 2), Wolfgang Kreissl-Dörfler (1), Sarah Ludford (1, 2), Jaime Mayor Oreja (2), Dan Mihalache (1,2), Viktória Mohácsi (2), Claude Moraes (2), Javier Moreno Sánchez (1, 2), Bogdan Pęk (2), Bogusław Rogalski (2), Martine Roure (1, 2), Inger Segelström (1, 2), Søren Bo Søndergaard (2), Károly Ferenc Szabó (1,2), Adina-Ioana Vălean (1,2), Ioannis Varvitsiotis (2), Manfred Weber (1, 2), Tatjana Ždanoka (1).
Заместници/Suplentes/Náhradníci/Stedfortrædere/Stellvertreter/Asendusliikmed/Αναπληρωτές/Substitutes/Suppléants/Supplenti/ Aizstājēji/Pavaduojantys nariai/Póttagok/Sostituti/Plaatsvervangers/Zastępcy/Membros suplentes/Supleanți/Náhradníci/Namestniki/ Varajäsenet/Suppleanter
Inés Ayala Sender (1,2), Edit Bauer (1, 2), Frieda Brepoels (1), Simon Busuttil (2), Gérard Deprez (1,2), Maria da Assunção Esteves (2), Luis Herrero-Tejedor (2), Sophia in 't Veld (1,2), Ona Juknevičienė (1,2), Sylvia-Yvonne Kaufmann (1,2), Metin Kazak (2), Bogdan Klich (2), Jean Lambert (2), Jörg Leichtfried (2), Marian-Jean Marinescu (1,2), Antonio Masip Hidalgo (2), Marianne Mikko (2), Bill Newton Dunn (1), Hubert Pirker (1,2), Radu Podgorean (1), Marie-Line Reynaud (2), Konrad Szymański (2), Witold Tomczak (2).

178 (2)
183 (3)
Aloyzas Sakalas (2), Tadeusz Zwiefka (2)
46 (6) (Точка от дневния ред/Punto del orden del día/Bod pořadu jednání (OJ)/Punkt på dagsordenen/Tagesordnungspunkt/Päevakorra punkt/Ημερήσια Διάταξη Σημείο/Agenda item/Point OJ/Punto all'ordine del giorno/Darba kārtības punkts/Darbotvarkės punktas/ Napirendi pont/Punt Aġenda/Agendapunt/Punkt porządku dziennego/Ponto OD/Punct de pe ordinea de zi/Bod programu schôdze/ Točka UL/Esityslistan kohta/Föredragningslista punkt)
-

Наблюдатели/Observadores/Pozorovatelé/Observatører/Beobachter/Vaatlejad/Παρατηρητές/Observers/Observateurs/Osservatori/ Novērotāji/Stebėtojai/Megfigyelők/Osservaturi/Waarnemers/Obserwatorzy/Observadores/Observatori/Pozorovatelia/Opazovalci/ Tarkkailijat/Observatörer

Присъствал на/Presente el/Přítomný dne/Til stede den/Anwesend am/Viibis(id) kohal/Παρών στις/Present on/Présent le/Presente il/Piedalījās/ Dalyvauja/Jelen volt/Preženti fi/Aanwezig op/Obecny dnia/Presente em/Prezent/Prítomný dňa/Navzoči dne/Läsnä/Närvarande den:
(1) 10.4.2007
(2) 11.4.2007

По покана на председателя/Por invitación del presidente/Na pozvání předsedy/Efter indbydelse fra formanden/Auf Einladung des Vorsitzenden/Esimehe kutsel/Με πρόσκληση του Προέδρου/At the invitation of the Chair(wo)man/Sur l'invitation du président/Su invito del presidente/Pēc priekšsēdētāja uzaicinājuma/Pirmininkui pakvietus/Az elnök meghívására/Fuq stedina taċ-'Chairman'/Op uitnodiging van de voorzitter/Na zaproszenie Przewodniczącego/A convite do Presidente/La invitaţia preşedintelui/Na pozvanie predsedu/Na povabilo predsednika/Puheenjohtajan kutsusta/På ordförandens inbjudan

Съвет/Consejo/Rada/Rådet/Rat/Nõukogu/Συμβούλιο/Council/Conseil/Consiglio/Padome/Taryba/Tanács/Kunsill/Raad/Conselho/Consiliu/Svet/Neuvosto/Rådet (*)

Bardin, Buyssens, Fernandez-Pita, Gomez Bustos, Pensaert, Philippart, Sorensen, Vos

Council Presidency: Bosch, Kraus-Vonjahr, Krause, Löper, Maas, Niemeier, Roy, Schnigula, Stenzel, Wenske

Комисия/Comisión/Komise/Kommissionen/Kommission/Euroopa Komisjon/Επιτροπή/Commission/Commissione/Komisija/Bizottság/Kummissjoni/Commissie/Komisja/Comissão/Comisie/Komisia/Komissio/Kommissionen (*)

Brozina, De Ceuster, Deka, Ekström, Herrera de la Casa, Ianniello Salicetti, Kolligs, Marini, Salazar, L. Schmidt, Schwonke, Talon, `t Hoen, Tomboy, Verkleij, Verraes, Zerdick

Други институции/Otras instituciones/Ostatní orgány a instituce/Andre institutioner/Andere Organe/Muud institutsioonid/Άλλα θεσμικά όργανα/Other institutions/Autres institutions/Altre istituzioni/Citas iestādes/Kitos institucijos/Más intézmények/Istituzzjonijiet ohra/Andere instellingen/Inne instytucje/Outras Instituições/Alte instituţii/Iné inštitúcie/Druge institucije/Muut toimielimet/Andra institutioner/organ

Conseil de l'Europe	De Biolley
EDPS	Hustinx
Olaf	Mcalinden

Други участници/Otros participantes/Ostatní účastníci/Endvidere deltog/Andere Teilnehmer/Muud osalejad/Επίσης Παρόντες/Other participants/Autres participants/Altri partecipanti/Citi klātesošie/Kiti dalyviai/Más résztvevők/Parteċipanti ohra/Andere aanwezigen/Inni uczestnicy/Outros participantes/Alţi participanţi/Iní účastníci/Drugi udeleženci/Muut osallistujat/Övriga deltagare

Bruggeman, De Hert, Lodge, Donos, Gaudin, Neumann, Patterson (P.R. UK), Ratzel, Schröder (German Bundestag), Smith, Van Overbeck (Netherlands Parliament)

Секретариат на политическите групи/Secretaría de los Grupos políticos/Sekretariát politických skupin/Gruppernes sekretariat/Sekretariat der Fraktionen/Fraktsioonide sekretariaat/Γραμματεία των Πολιτικών Ομάδων/Secretariats of political groups/Secrétariat des groupes politiques/Segreteria gruppi politici/Politisko grupu sekretariāts/Frakcijų sekretoriai/Képviselőcsoportok titkársága/Segretarjat gruppi politiċi/Fractiesecretariaten/Sekretariat Grup Politycznych/Secr. dos grupos políticos/Secretariate grupuri politice/Sekretariát politických skupín/Sekretariat političnih skupin/Poliittisten ryhmien sihteeristöt/Gruppernas sekretariat

PPE-DE	Alvargonzález Figaredo, Speiser
PSE	Eggerder, Lemarchal, Panzetti
ALDE	Fiss, Marzocchi, Rasmussen
Verts/ALE	Robert, Sidenius
GUE/NGL	Bjerre, Stavinoha, Tamburini
IND/DEM	Boiten, Wise
UEN	Locati
NI	

Кабинет на председателя/Gabinete del Presidente/Kancelář předsedy/Formandens Kabinet/Kabinett des Präsidenten/Presidendi kantselei/Γραφείο Προέδρου/President's Office/Cabinet du Président/Gabinetto del Presidente/Priekšsēdētāja kabinets/Pirmininko kabinetas/Elnöki hivatal/Kabinett tal-President/Kabinet van de Voorzitter/Gabinet Przewodniczącego/Gabinete do Presidente/ Cabinet Preşedinte/Kancelária predsedu/Urad predsednika/Puhemiehen kabinetti/Talmannens kansli	
Кабинет на генералния секретар/Gabinete del Secretario General/Kancelář generálního tajemníka/Generalsekretærens Kabinet/ Kabinett des Generalsekretärs/Peasekretäri büroo/Γραφείο Γενικού Γραμματέα/Secretary-General's Office/Cabinet du Secrétaire général/Gabinetto del Segretario generale/Ģenerālsekretāra kabinets/Generalinio sekretoriaus kabinetas/Főtitkári hivatal/Kabinett tas-Segretarju Ġenerali/Kabinet van de secretaris-generaal/Gabinet Sekretarza Generalnego/Gabinete do Secretário-Geral/Cabinet Secretar General/Kancelária generálneho tajomníka/Urad generalnega sekretarja/Pääsihteerin kabinetti/Generalsekreterarens kansli	
Генерална дирекция/Dirección General/Generální ředitelství/Generaldirektorat/Generaldirektion/Peadirektoraat/Γενική Διεύθυνση/ Directorate-General/Direction générale/Direzione generale/Ģenerāldirektorāts/Generalinis direktoratas/Főigazgatóság/Direttorat Ġenerali/Directoraten-generaal/Dyrekcja Generalna/Direcção-Geral/Direcţii Generale/Generálne riaditeľstvo/Generalni direktorat/ Pääosasto/Generaldirektorat	
DG PRES	Attard, Borzsak
DG IPOL	Davoli
DG EXPO	
DG COMM	Andrés Marin
DG PERS	
DG INLO	
DG TRAD	
DG INTE	
DG FINS	
DG ITEC	
Правна служба/Servicio Jurídico/Právní služba/Juridisk Tjeneste/Juristischer Dienst/Õigusteenistus/Νομική Υπηρεσία/Legal Service/ Service juridique/Servizio giuridico/Juridiskais dienests/Teisės tarnyba/Jogi szolgálat/Servizz legali/Juridische Dienst/Wydział prawny/ Serviço Jurídico/Serviciu Juridic/Právny servis/Pravna služba/Oikeudellinen yksikkö/Rättstjänsten	
Auersperger Matic, Caiola, Dean	
Секретариат на комисията/Secretaría de la comisión/Sekretariát výboru/Udvalgssekretariatet/Ausschusssekretariat/Komisjoni sekretariaat/Γραμματεία επιτροπής/Committee secretariat/Secrétariat de la commission/Segreteria della commissione/Komitejas sekretariāts/Komiteto sekretoriatas/A bizottság titkársága/Segretarjat tal-kumitat/Commissiesecretariaat/Sekretariat komisji/ Secretariado da comissão/Secretariat comisie/Sekretariat odbora/Valiokunnan sihteeristö/Utskottssekretariatet	
De Capitani (1, 2), Dumitrache (1,2), Banka (1,2), Bultena (2), Cahen (1,2), Calers (1,2), Gimenez-Espinos (1), Huber(1, 2), Ilario (1,2), Serzane (1,2), Sudova (1,2)	
Сътрудник/Asistente/Asistent/Assistent/Assistenz/Βοηθός/Assistant/Assistente/Palīgs/Padėjėjas/Asszisztens/Asystent/Pomočnik/ Avustaja/Assistenter	
De Groot, Götz	

* (P) = Председател/Presidente/Předseda/Formand/Vorsitzender/Esimees/Πρόεδρος/Chair(wo)man/Président/Priekšsēdētājs/Pirmininkas/ Elnök/'Chairman'/Voorzitter/Przewodniczący/Preşedinte/Predseda/Predsednik/Puheenjohtaja/Ordförande
(VP) = Заместник-председател/Vicepresidente/Místopředseda/Næstformand/Stellvertretender Vorsitzender/Aseesimees/Αντιπρόεδρος/ Vice-Chair(wo)man/Vice-Président/Priekšsēdētāja vietnieks/Pirmininko pavaduotojas/Alelnök/Viċi 'Chairman'/Ondervoorzitter/ Wiceprzewodniczący/Vice-Presidente/Vicepreşedinte/Podpredseda/Podpredsednik/Varapuheenjohtaja/Vice ordförande
(M) = Член/Miembro/Člen/Medlem./Mitglied/Parlamendiliige/Μέλος/Member/Membre/Membro/Deputāts/Narys/Képviselő/ Membru/Lid/Członek/Membro/Membru/Člen/Poslanec/Jäsen/Ledamot
(F) = Длъжностно лице/Funcionario/Úředník/Tjenestemand/Beamter/Ametnik/Υπάλληλος/Official/Fonctionnaire/Funzionario/ Ierēdnis/Pareigūnas/Tisztviselő/Uffiċjal/Ambtenaar/Urzędnik/Funcionário/Funcţionar/Úradník/Uradnik/Virkamies/Tjänsteman